BALZAN

Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS-SEBA' U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010

**Ħin:** Mill-5.40pm sad-9.05pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar

**Skuzat:** L-Avukat Trevor De Giorgio (imsiefer fuq xogħol)

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio bagħat *email* qabel il-laqgħa biex jinforma lill-Kunsill illi minħabba l-fatt li ser ikun imsiefer fuq xogħol ma setgħax ikun preżenti llum.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Sitta u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Jannar 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tas-Sitta u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Jannar 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara l-Ewwel tas-Sena diġa bagħtet żewġ *reminders* lid-ditta Schembri Infrastructures Limited biex jirranġaw il-bankina quddiem propjeta numru 33 fi Triq il-Qarċilla imma s'issa ma kienx hemm risposta għaldaqstant jekk ser nibqaw mingħajr risposta allura x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill għas-spejjes tal-kuntrattur.

2. Il-Kunsillier G. Borg innota li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt reġġħet tqajjmet il-kwistjoni tal-qsim tal-flus tas-CCTV *cameras* u ġie deċiz li jmorru arbitraġġ Il-Kunsill innota li ma għandu l-ebda intenzjoni li jagħti lura l-flus li ngħataw lilu meta sari l-qsim tal-flus tal-*pooling*.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li bagħtet lill Kunsilli kollha biex naraw min huwa interessat li jixtri *bus shelters* mudell 256 *Shelter Gaby* kienu biss il-Kunsill tal-Qrendi, Zurrieq u ta' Ħ'Attard li wrew interess. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill illi l-AKL suppost li qed tieħu ħsieb il-*bus shelters*. Is-Sur Magro infurmani li ser iressaq il-materja fil-laqgħa li jmiss ta' l-AKL. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li fil-*budget* ma ġiex inkluz dan l-*item*.

**3. Rapport Finanżjarju għat-tlett xhur Ottubru – Diċembru 2009.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport finanzjarju li jkopri t-Tlett xhur Ottubru – Diċembru 2009 (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* tal-Kunsill kien prezenti biex jipprezenta r-rapport lill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li trid issir emenda fir-rapport finanzjarju biex jiġu inklużi l-flus li l-WSC trid tagħti lill-Kunsill fir-rigward ta' *road re-instatment* għas-snin bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Deiċembru 2009 li titla għas-somma ta' €12,034,32 Ir-rapport finanzjarju kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**4. Rapport għas-sena Finanzjarja April – Diċembru 2009.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport finanzjarju għas-sena April – Diċembru 2009 (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* tal-Kunsill kien prezenti biex jipprezenta r-rapport finanzjarju lill-Kunsill.

Ir-rapport finanzjarju kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**5. Estimi għas-sena 2010.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-estimi għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2010 (mehmuza). Kopja ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* tal-Kunsill kien prezenti biex jipprezenta l-*budget* lill-Kunsill.

Il-*budget* għas-sena 2010, kif emendat, ġie propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. L-estimi għas-sena finanzjarja 2010 ġew approvati unanimament.

**6. Business Plan għat-Tlett snin 2010 – 2012.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-Business Plan għat-tlett snin 2010-2012 (mehmuza). Kopja ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha temenda l-Business Plan biex jirrifletti l-figuri li ġew approvati fil-*budget* li għadu kif approva l-Kunsill.

**7. Rapporti ta' l-Effiċienża ta' l-Impjeġati tal-Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-effiċjenza ta' l-impjegati tal-Kunsill għas-sena April – Diċembru 2009 fir-rigward ta' l-iskrivani *part-time* s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Ir-rapport ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss minħabba f'nuqqas ta' ħin.

## 8. Diskussjoni dwar offerti maħruġa flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta' l-offerti (mehmuza) fir-rigward tal-Ġonna, Tabelli u Marki tat-Toroq u Manutenzjoni ta' Toroq li ħriġna flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara li nfetħu nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2010 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Birkirkara fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjorina M. Zammit u l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Tqiegħdu ukoll fuq il-mejda, kopji tal-*bill of quantities* li ntefgħu. Biex jispjeġa dwar l-offerti li ntefgħu kien mistieden il-konsulent tal-Kunsill Lokali Birkirkara, s-Sur Ray Pellicano.

**Maintenance of Traffic Signs and Road Markings (BLC 4/2009)** – Il-Kunsill nnota li jixtieq jibqa jagħmel manutenzjoni bil-ħaddiema tiegħu biex jiffranka l-flus u jekk il-KOPTASIN kienet ser toġġezzjona għal dan il-Kunsill kien ser jagħzel lid-ditta Grima. Għaldaqstant il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Kunsill ta' Birkirkara u raprezentant ta' KOPTASIN biex jiġi ċċarat dan il-punt. Is-Sur Pellicano ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu parir legali ukoll dwar din il-materja.

**Resurfacing and Ancillary Works (BLC 6/2009)** – Il-Kunsill innota li ma għandux oġġezzjoni li x-xogħol isir mid-ditta Polidano Bros Ltd imma nnota li wisq jibza li ma ningħatawx l-attenzjoni neċessarja minħabba fil-limitu tax-xogħol li hemm. Il-Kunsill irid jara jekk jistax jiftiehem mal-Kunsill ta' Birkirkara dwar *subcontracting* ta' *project management / certification* sabiex ma tkunx l-istess persuna li tagħmel ix-xogħol biex jiġu evitati abbuzi u jkolna aktar kontroll.

**The Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens, Roadside Tree plantations and Soft areas (BLC 5/2009) –** Il-Kunsill unanimament approva li jagħti l-kuntratt lid-ditta Environmental Landscapes Consortium Limited peres li fil-passat dejjem kelna servizz tajjeb u kienet l-uniku offerta li ntefgħet.

## 9. Kommunikazzjoni tas-Sindku.

1. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal-kuntratt *draft* li ngħata lilna mid- ditta Greenpak fejn qed jgħidu li jekk ikun hemm skart madwar il-*bring-in-site* li ma jistax jiġi reċiklat, il-Kunsill irid iħallas l-ispejjes tar-rimi tiegħu jekk dan jammonta aktar minn tunnellata matul il-perjodu tal-kuntratt. Il-Kunsill innota li ma jistax jaċċetta din il-proposta u talab li jintlaħat ftehiem aċċettabbli jew imorru għand kuntrattur ieħor li joffri kundizzjonijiet aħjar.

2. Dwar l-applikazzjoni taħt l-iskema ta' Energija Alternattiva s-Sindku nforma lill-Kunsill illi mhux possibbli li napplikaw għal-uffiċċju u l-*playing field*, għaldaqstant l-applikazzjoni ser issir biss fuq l-uffiċċju. Ser issir ukoll applikazzjoni biex inħallsu għal-provediment ta' kwotazzjoni għal-Sustainable Energy Action Plan li obbligati nagħmlu taħt il-Patt tas-Sindki.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser issir applikazzjoni lill-MEPA biex ningħataw fondi taħt l-UIF biex nagħmlu *phase 5* tal-proġett tal-Pjazza ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill unanimament qabel li l-applikazzjoni jagħmilha l-perit tad-ditta M.P.& D.C. Ltd li kien beda l-proġett.

4. Dwar id-devoluzzjoni ta' garaxx tal-Joint Office għal-użu tal-Kunsill, il-Kunsill unanimament qabel li jekk ikun hemm bżonn jintrabat li jagħmel spejjes sa €10,000 biex jirranġa l-post biex ikun jista jużaħ bħala *store* għal-affarijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tissottometti l-applikazzjoni.

5. Il-Kunsillier G. Borg qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill disinn tal-pedestal għal-arblu tal-bandiera u stima biex isir pedestal ta' l-irħam għal madwar l-arblu tal-bandira liema stima telgħet għas-somma ta' €1500 (mehmuza).

   Il-Kunsill unanimament approva d-disinn (mehmuz) u ddeċieda li għalkemm ma għandux flus biex jagħmlu għalissa xorta waħda għandu japplika biex jikseb il-permess tal-MEPA biex isir ix-xogħol. Il-Kunsill unanimament qabel li l-applikazzjoni jagħmilha l-perit tad-ditta M.P.& D.C. Ltd li kien beda l-proġett tal-pjazza.

**10. Korrispondenza.**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha li waslet bejn s-7 ta' Jannar 2010 u s-27 ta' Jannar 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tas-27 ta' Jannar 2010 (mehmuza).

Minħabba f'nuqqas ta' ħin il-Kunsill iddieċieda li jara l-korrispondenza fil-laqgħa li jmiss.

**11. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-27 ta' Jannar 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €11,668.49.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**12. Ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed rapport li jġib id-data tas-27 ta' Jannar 2010 li juri l-ilmenti li daħlu wara s-6 ta' Jannar 2010 (mehmuza).

Minħabba f'nuqqas ta' ħin ġie deċiż li din l-item titħalla għal-darb'oħra.

**13. Jem il-Ġonna u Jum Ħal Balzan**

Il-Kunsillier G. Borg għadda biex jispjega x'ser jiġri f'Jiem il-Ġonna. Is-Sindku nnota li jrid jikkonsulta ma l-Ambaxxatriċi ta' Spanja peres li parti mill-attivitajiet ser isiru fil-propjeta tagħha, fost affarijiet oħra ridet muzika vivaċi u li l-quddiesa ssir kmieni kemm jista jkun u li l-attivita' kollha ma tieħux aktar minn sagħtejn u kwart.

Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jiġi mistieden il-President ta' Malta u l-Prim Ministru għal-quddiesa u l-Prim Ministru biex flimkien mas-Sindku jiftaħ il-wirja fis-Sala Aurora nhar il-Ġimgħa filgħodu. Ser jindaqq l-Innu Malti fis-Sala meta jidħol il-Prim Ministru. Il-Kunsill unanimament qabel li għal-attivitajiet ta' Jiem il-Ġonna jiġu mistiedna l-membri parlamentari tad-distrett, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u s-*shadow spokesman* għal-Kunsilli Lokali, d-Direttur tal-Gvern Lokali, naraw jekk l-Ambaxxatriċi trid tistieden lill xi ħadd hi, il-President, Segretarju u Teżorier ta' l-Għaqdiet ta' Ħal Balzan, Kunsill Parrokjali, Muzew tas-Subien u Bniet, Ċentru taż-Zagħżagħ, Kunventi tas-Sorijiet, Malta Hospice Movement, membri tas-Sotto-Kumitati u l-Kapijiet ta' l-Iskola Stella Maris, l-Iskola Primarja Annibale Preca u lill-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża. Il-Kunsill qabel ukoll li jistieden lill-Kap ta' l-Oppozizzjoni.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-fuljett tal-Kunsill jkun iddedikat kollu għal-Jiem il-Ġonna. Għandu jkun hemm nota fil-fuljett li min jixtieq jattendi għal-quddiesa jrid jinforma lill-Kunsill mill-anqas ġimgħatejn qabel u jagħti d-dettalji tiegħu biex jinħariġlu invit u din il-lista trid tingħata lill-Ambaxxatriċi peres li trid tibgħatha f’pajjizha. Fuq din il-lista jrid ikun hemm kull min ser jidħol fil-propjeta ta’ l-Ambaxxata inkluz kor, kappillan, bandisti, min jarma s-siġġijiet eċċ.

Il-Kunsill iddeċieda li għandhom isiru żewġ inviti, wieħed għal-ftuħ tal-wirja fis-Sala Aurora u l-ieħor għal-quddiesa fir-residenza ta’ l-ambaxxatriċi. Qabel ma jsiru l-inviti għandna naraw jekk hux ser jattendi l-President ta’ Malta sabiex l-inviti jkunu addattati.

**14. Affarijiet Ġħra:**

1. Il-Kunsill innota li jridu jitneħħew il-marki sofor li hemm fi Triq il-Kbira quddiem dar numru 68 peres li tneħħa l-garaxx.

2. Is-Sindku nnota li għad hemm problemi ta’ *dumping* madwar il-*bring-in-site* f’Wesgħa l-Professur Guże Aquilina speċjalment nhar it-Tnejn filgħodu. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekutiv tistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk il-Kunsill jistax iqabbad servizz privat ta’ siġurta mal-*bring-in-site* biex jinqabad min qed jarma l-iskart madwar is-sit u nieħdu passi legali kontrieħ.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 17 ta’ Frar 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data